MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 8/2024 LM

**Ian Scerri (K.I. nru. 525076M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Ian Scerri (K.I. nru. 525076M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fis-6 ta' Frar, 2024, li ddeċieda l-proċeduri mressqa mir-rikorrent fil-konfront tal-

intimata **Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellata’], kif ġej:

> *“Dan it-Tribunal, għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħed jiċħad l-appell u jikkonferma l-multi imposti mill-Awtorità kontra Ian Scerri.”*

**<u>Fatti</u>**

2. Fl-10 ta’ Ottubru, 2023, l-intimata bagħtet erbgħa (4) Avviżi ta’ Infurzar kontra r-rikorrent, fejn ġie ordnat sabiex indaddaf is-sit, sabiex jingħalaq is-sit, rigward nuqqas ta’ tabelli tal-avviżi, u rigward stekkat mhux mgħotti b’*‘mesh’*, jew materjal adegwat biex jagħlaq l-impatt viżiv u biex jifforma *barrier* kontra l-ħruġ ta’ trab u debris. L-intimata għalhekk infurmat lir-rikorrent li permezz tal-Avviż mibgħut lilu, hija kienet qiegħda tordna lill-*manager* tas-sit, lill-iżviluppatur, lill-uffiċjal tekniku fuq is-sit, lill-kuntrattur u lill-perit tal-proġett biex iwaqqfu kull tip ta’ żvilupp u xogħlijiet oħra fuq is-sit, u sabiex ma jinbdew ebda xogħlijiet oħra fuq is-sit, ħlief xogħlijiet sabiex jitneħħa l-periklu jew xogħol relatat mal-prevenzjoni tal-ħsara u ta’ infiltrazzjoni ta’ ilma fi proprjetà ta’ terzi, u kull xogħol ieħor li jista’ jiġi ordnat jagħmel mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni. Ir-rikorrent ġie mgħarraf ukoll li f’każ li l-ksur ma jiġix rimedjat fi żmien sebat ijiem mid-data tal-ħruġ tal-Avviż, ser tinħareġ penali amministrattiva ta’ €25 għal kull jum sal-ġurnata li fiha n-nuqqas jiġi rimedjat, u dan skont id-Disa’ Skeda tal-Liġi Sussidjarja 623.08. Ir-rikorrent ġie infurmat ukoll li ladarba dan l-aġir jikkostitwixxi ksur ta’ Regolamenti tal-Liġi Sussidjarja 623.08, kienet qiegħda tiġi imposta fuqu penali amministrattiva ta’ tliet mitt Euro (€300), liema penali għandha titħallas sa mhux aktar tard minn 25 jum min-

notifika lilu tal-Avviż. Ir-rikorrent ġie infurmat ukoll li f'każ li huwa ma jħallasx il-penali amministrattiva fi żmien 25 jum min-notifika lilu tal-Avviż, l-Awtorità ma kien ser ikollha ebda triq oħra għajr li tipproċedi kontra tiegħu bil-mezzi kollha li tagħti l-liġi.

3. Fir-risposta tar-rikorrent għall-Avviżi, huwa qal li l-avviżi u l-penali imposti fuqu huma bla bażi u infondati fil-fatt u fid-dritt. Spjega li hu la hu l-*manager* u lanqas m'huwa l-proprjetarju jew l-iżviluppatur tas-sit indikat bin-numru 18, Triq Żarenu Dalli, Birżebbugia [minn issa 'il quddiem 'is-sit'], u qal li huwa diġà spjega dan lill-Kap Eżekuttiv tal-intimata. Ir-rikorrent qal li fl-10 ta' Marzu, 2020 huwa ttrasferixxa is-sit lil terzi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Daniel John Bugeja, u dan it-trasferiment għalhekk sar qabel is-sena 2021, li hija s-sena meta daħal fis-seħħ il-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. L-intimata wieġbet għal dan billi qalet li kull deċiżjoni meħuda minnha kienet in konformità ma' dak rikjest mil-liġi, u għalhekk hija kienet korretta f'kull aspett. Qalet ukoll li m'hemmx korrelazzjoni bejn il-ġestjoni ta' sit tal-kostruzzjoni u t-trasferiment tas-sit, u li lilha jirriżultalha li r-rikorrent għadu responsabbli mill-ġestjoni ta' dan is-sit sallum. Qalet li għalhekk huwa evidenti li kien hemm ksur tal-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-regolamenti, u għalhekk il-penali imposta fuq ir-rikorrent hija ġusta u skont il-liġi.

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. Permezz tad-deċiżjoni appellata, it-Tribunal ċaħad l-appell tar-rikorrenti, u kkonferma d-deċiżjoni tal-intimata, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"It-Tribunal***

*Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant innifsu fejn permezz tiegħu huwa kkontesta numru ta' multi li ġew imposti kontrih mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni.*

*Ra r-risposta tal-Awtorità li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:*

1. Illi l-Awtorità appellata qiegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformità ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;

2. Illi ma hemmx korrelazzjoni mal-ġestjoni ta' sit ta' kostruzzjoni u t-trasferiment ta' proprjetà, di fatti skont l-annessi immarkati Dok. A u Dok. B, jidher bl-aktar mod ċar li l-appellant għadu sallum responsabbli għas-sit in kwistjoni.

3. Illi mill-annessi ritratti mmarkati bħala Dok. C1 sa C3 huwa evidenti li kien hemm il-ksur ta' dak maħsub fil-Kap. 623 u r-regolamenti, u allura l-penali imposta hija ġusta u skont il-liġi.

4. Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorità appellata qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

*Ra l-atti u d-dokumenti kollha.*

*Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.*

*Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.*

*Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.*

*Sema' t-trattazzjoni finali tal-partijiet.*

*Ra li fis-seduta tal-5 ta' Diċembru, 2023 l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.*

***Ikkunsidra:***

*Dan l-appell jittratta ċirkostanzi partikolari fejn l-appellant jilmenta li l-multi li ġew imposti kontra tiegħu qatt ma kellhom jiġu hekk imposti stante li fil-punt li dawn ġew imposti huwa ma kienx għadu s-sid tas-sit in kwistjoni. L-appellant jippreżenta kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Dottor Daniel John Bugeja datat l-10 ta' Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) in sostenn ta' dan.*

*L-Awtorità appellata ppreżentat numru ta' dokumenti, senjatament il-formola ta' bidla tal-applikant li juru kif mal-*portal *tal-Awtorità tal-Ippjanar, il-persuna responsabbli u ċioe s-*site manager *tas-sit kien juri li huwa Ian Scerri. Fil-proċeduri xehed Nick Grima li qal li qabel inħarġu l-multi in kwistjoni kienet saret komunikazzjoni ma' Ian Scerri u kif ukoll mal-Perit tal-proġett iżda l-kwistjonijiet baqgħu ma ġewx indirizzati. Lanqas ma nbidel il-persuna responsabbli mis-sit in segwitu tal-istess komunikazzjoni. Nick Grima ikkonferma li l-aħħar* 'Change in Responsibility Form' *li ġiet ippreżentata kienet dik tat-12 ta' April, 2019 li permezz tagħha Ian Scerri assuma r-responsabbilità tas-sit.*

*It-Tribunal jinnota artikolu 8 tal-Avviż Legali 340 tal-2022 li jgħid kif ġej:*

8. (1) Il-klijent għandu jkun obbligat li jinħatar *manager* tas-sit li għandu jkun responsabbli, f'ismu, sabiex jiżgura li s-sit u x-xogħlijiet huma konformi mad-disposizzjonijiet kollha ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Qabel ma jibdew kwalunkwe xogħlijiet, il-klijent għandu jissottometti lill-Awtorità:
(a) l-isem tal-*manager* tas-sit;
(b) in-numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tal-*manager* tas-sit; u
(ċ) dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni debitament iffirmata mill-*manager* tas-sit illi huwa obbliga ruħhu li jaċċetta dan ir-rwol u li huwa qara u fehem id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-manager tas-sit m'għandux ikun intitolat li jassumi kwalunkwe responsabbiltajiet assoċjati mal-professjoni ta' Perit kif imfissra fl-Att dwar il-Periti, sakemm il-*manager* tas-sit li jkun ġie appuntat mhuwiex Perit.

(4) Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jagħmel regolamenti speċifiċi biex jinħoloq Reġistru ta' *Managers* tas-Sit, sabiex jistipula l-kwalifiki tagħhom, Kodiċi ta' Kondotta u programm ta' żvilupp kontinwu.

(5) Fin-nuqqas ta' nomina għall-ħatra ta' *manager* tas-sit, il-klijent għandu jitqies *ipso facto* bħala l-*manage*r tas-sit għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

**(6) Fejn il-klijent ikun inbidel minħabba li s-sit inbiegħ, jew għal kwalunkwe raġuni oħra, meta xogħlijiet ikunu għadhom iridu jitwettqu jew ikunu qed jitwettqu l-klijent kurrenti għandu jkollu l-obbligu li jinforma lill-Awtorità billi jimla l-formola skont is-Seba' Skeda, u li jissottometti l-formula lill-Awtorità fuq is-sit elettroniku rilevanti tagħha. L-istess formola għandha tiġi debitament iffirmata mill-klijent il-ġdid bħala dikjarazzjoni tal-aċċettazzjoni tar-responsabbiltajiet tiegħu u bħala l-klijent il-ġdid skont dawn ir-regolamenti. Sakemm l-Awtorità tirċievi tali formola, il-klijent kurrenti għandu jinżamm responsabbli għal kwalunkwe kontravvenzjoni ta' dawn ir-regolamenti.**

(7) Fejn, waqt il-perijodu tax-xogħlijiet, il-*manager* tas-sit jinbidel għal kwalunkwe raġuni, huwa għandu jkun obbligat li jinforma lill-Awtorità bil-miktub. Sakemm l-Awtorità tirċievi t-tali avviż huwa għandu jibqa' preżunt bħala l-*manager* tas-sit nominat għas-sit.

(8) Il-*manager* tas-sit għandu jkun responsabbli, għan-nom tal-klijent, sabiex jiżgura li kwalunkwe permessi, ċertifikazzjonijiet, awtorizzazzjonijiet jew kwalunkwe tali approvazzjonijiet meħtieġa għal kwalunkwe parti tax-xogħlijiet kif meħtieġa skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu maħruġa u li kwalunkwe strutturi temporanji għandhom jiġu debitament ċertifikati fir-rigward tas-sigurtà tagħhom.

*Illi s-subartikolu (6) huwa direttament rilevanti għall-każ odjern. L-appellant kellu l-obbligu, bħala s-*site manager*, li jinforma lill-Awtorità bil-bidla fir-responsabbilità. Fin-nuqqas ta' dan, l-obbligi tiegħu għar-rigward tas-sit in kwistjoni baqgħu u għadhom jeżistu. L-appellant naqas li jippreżenta xi forma ta' prova li turi li huwa prova*

*jippreżenta jew li ppreżenta b'suċċess il-formola rikjesta sabiex ir-responsabbilità tas-sit tinbidel. Għaldaqstant, it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiċħad l-appell odjern."*

**<u>L-Appell</u>**

6. Fir-rikors tal-appell imressaq mir-rikorrent fit-12 ta' Frar, 2024, dan talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u tilliberah minn kull responsabbilità għall-ħlas ta' multi.

7. L-appellant spjega li huwa kien is-sid tas-sit numru 18, Triq Żarenu Dalli, Birżebbugia, sas-sena 2019. Qal li huwa ttrasferixxa dan is-sit b'titolu ta' bejgħ lil terzi fl-10 ta' Marzu, 2020 b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Daniel John Bugeja, u għalhekk huwa kellu raġuni valida għalfejn ma josservax l-ordnijiet ta' infurzar in kwistjoni. Qal li l-appellata bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq il-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta, u fuq ir-regolamenti tal-2021, meta daħlet fis-seħħ din il-liġi. Qal li fl-2021 huwa la kien is-sid u lanqas il-*manager* tas-sit in kwistjoni, u għalhekk huwa ma kellu l-ebda obbligu bil-liġi li javża lill-intimata għaliex din ma kienitx teżisti. L-appellant qal li l-appellata ppreżentat dokument tal-Awtorità tal-Ippjanar, mingħajr ma kkwotat id-data ta' dan id-dokument, liema dokument kien il-permess li huwa applika għalih fl-2019, u għalhekk ferm qabel ma huwa biegħ is-sit. Qal ukoll li l-appellata kellha impjegat magħha lil ċertu Nick Grima li kien qal li kkomunika miegħu, u l-appellant qal li fil-fatt huwa tkellem diversi drabi ma' Grima fuq it-*telephone*, u dan kien heddu bil-multi, iżda l-appellant min-naħa tiegħu infurmah ripetutament li huwa ma jistax jesegwixxi l-ordnijiet li ngħata, għaliex huwa la huwa s-sid u lanqas huwa l-*manager* tal-imsemmi sit. L-appellant qal li Grima, minflok ivverifika min huwa s-sid tas-sit, impona fuqu multa ta' elf, erba' mija u ħamsin Euro (€1,450). L-

appellant qal ukoll li fil-parti tad-*decide*, it-Tribunal ikkwota l-artikolu 8(6) tal-Avviż Legali 340 tal-2022, li jgħid li l-applikant kellu l-obbligu bħala *site manager,* li jinforma lill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni bil-bidla fir-responsabbilità, u għalhekk jekk il-liġi ġiet fis-seħħ fl-2022, l-appellant ma kellu l-ebda obbligu li jinforma lill-appellata b'dan it-tibdil, għaliex il-liġi ma tapplikax retroattivament.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

8. Fir-risposta tagħha, l-appellata qalet li fid-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal iddeċieda li s-subartikolu 8(6) tal-Avviż Legali numru 340 tal-2022 huwa direttament rilevanti għall-każ odjern, u żied jgħid li l-appellant kellu l-obbligu, bħala s-*site manager,* li jinforma lill- appellata bil-bidla fir-responsabbilità. It-Tribunal iddeċieda li fin-nuqqas ta' dan, l-obbligi tal-appellant fir-rigward tas-sit baqgħu u għadhom jeżistu, u l-appellant naqas milli jipprova li huwa ppreżenta l-formula rikjesta sabiex tinbidel ir-responsabbilità tas-sit.

9. B'riferiment għall-aggravju tal-appellant dwar l-applikazzjoni tal-liġi b'mod retroattiv u s-*site responsibility form,* l-appellata qalet li kien hemm konfużjoni totali bejn il-liġi tal-akkwist, jiġifieri l-bejgħ tal-immobbli mill-appellant, u l-fatt li l-immobbli kien u għadu sit ta' kostruzzjoni skont il-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li l-fatt li persuna tittrasferixxi immobbli, bl-ebda mod ma jfisser li kien hemm trasferiment tal-obbligi marbuta mas-sit tal-kostruzzjoni. Qalet li sal-mument meta l-appellata infliġġiet il-penali amministrattivi, l-appellant kien indikat bħala l-persuna responsabbli mis-sit, u l-uffiċjali tal-appellata ripetutament talbuh jindirizza xi nuqqasijiet marbuta

mas-sit. Qalet li dan seta' jsir bl-aktar mod sempliċi, jiġifieri billi dan idaħħal iċ-*change of responsibility form,* fejn jindika min hija l-persuna responsabbli skont il-liġi, iżda dan qatt ma sar. L-appellata qalet li l-Qorti lanqas għandha għalfejn tittratta l-kwistjoni tar-retroattività tal-liġi, u dan għaliex ix-xogħol fuq dan is-sit baqa' ma ġiex konkluż. L-appellata qalet li għalhekk għandu jirriżulta li l-appellant kien għadu legalment responsabbli għas-sit in kwistjoni, u kien hu li naqas milli jissottometti d-dokumenti neċessarji lill-appellata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata. L-appellant ippreżenta wkoll nota ta' sottomissjonijiet in segwitu għar-risposta tal-appellata.

*L-Aggravju: [It-Tribunal applika l-liġi b'mod retroattiv]*

11. L-appellant jgħid li kemm l-appellata kif ukoll it-Tribunal, applikaw il-liġi b'mod retroattiv, u dan għaliex meta huwa kien sid tas-sit in kwistjoni, il-Kap. 623 u l-Avviż Legali 340 tal-2022 kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ. L-appellant spjega li minkejja li kien huwa li fl-2019 applika mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex ikun jista' jiżviluppa s-sit, huwa ttrasferixxa is-sit permezz ta' kuntratt tal-10 ta' Marzu, 2020, fl-atti tan-Nutar Daniel John Bugeja, u għalhekk meta daħlu fis-seħħ id-disposizzjonijiet tal-Kap. 623, huwa ma kienx is-sid tas-sit. Qal li meta daħħal l-applikazzjoni għall-iżvilupp tas-sit, huwa ma setax jaqdi l-obbligi taħt

il-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex l-appellata kienet għadha ma ġietx imwaqqfa, u ma kienux għadhom bdew japplikaw tali obbligi fil-konfront tiegħu.

12. Min-naħa l-oħra, l-appellata qiegħda tieħu l-pożizzjoni li l-appellant baqa' ma indikax min hija l-persuna responsabbli mis-sit in kwistjoni, kif kien obbligat li jagħmel. Fin-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata minnu quddiem din il-Qorti, l-appellant qal ukoll li filwaqt li l-penali amministrattivi ġew imposti fuqu għaliex huwa ma eżegwiex xi ordnijiet li ngħatawlu mill-appellata, fir-risposta tagħha l-appellata qiegħda tgħid li dawn il-multi ġew imposti għaliex l-appellant naqas milli jonora l-obbligi tiegħu skont is-subartikolu 8(6) tal-Avviż Legali 340 tal-2022, billi jinfurmaha bil-bidla fir-responsabbilità. Il-Qorti tirrileva li dan mhuwiex minnu, għaliex l-appellata ħarġet il-multa billi l-appellant naqas milli jottempera ruħhu mal-ordnijiet tagħha. Fil-kontestazzjoni tiegħu l-appellant saħaq li huwa m'għandux jinżamm responsabbli għall-ħlas tal-penali, għaliex sakemm daħal fis-seħħ il-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa kien leħaq ittrasferixxa is-sit in kwistjoni lil terzi. L-appellata wieġbet li l-appellant jidher li għadu responsabbli, għaliex naqas milli jindika min hija l-persuna responsabbli mis-sit, ladarba t-titolu fuq is-sit ġie ttrasferit lil terzi. Għaldaqstant l-argument tal-appellant li l-appellata qiegħda tieħu pożizzjoni differenti fir-risposta tagħha għall-appell tiegħu, minn dik li ħadet fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, ma jreġix. Il-multa inħarġet fil-konfront tal-*manager,* tal-iżviluppatur, tal-uffiċjal tekniku inkarigat mis-sit, tal-kuntrattur u tal-perit inkarigat mill-proġett. Il-fatt li l-appellant ittrasferixxa s-sit in kwistjoni lil terzi, u għalhekk ma baqax hu s-sid ta' dan s-sit, ma jfissirx li huwa ma żamm l-ebda rwol attiv fl-iżvilupp tiegħu, jew

li għandha tinħoloq xi forma ta' preżunzjoni li huwa mhux responsabbli għall-obbligi li jridu jiġu assunti fil-konfront tal-appellata. L-appellant huwa indikat bħala s-*site manager* tas-sit fil-*Commencement Notice* li ħarġet l-Awtorità tal-Ippjanar fl-2019, u dan kif jirriżulta mill-provi li jinsabu in atti. Ma jirriżulta bl-ebda mod li kien hemm tibdil fis-*site manager* tal-proġett mertu ta' dawn il-proċeduri. Mill-provi jirriżulta li l-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità appellata tkellem diversi drabi mal-appellant bit-*telephone,* u infurmah li fin-nuqqas li tiġi ppreżentata ċ-*Change in Responsibility Form,* huwa kien sejjer jiffaċċja multi amministrattivi.

13. Il-Qorti tirrileva li l-Att XIV tal-2021 u l-Avviż Legali 340 tal-2022, iddaħħlu fis-seħħ wara li ġraw għadd ta' inċidenti traġiċi f'siti ta' kostruzzjoni f'Malta. Il-leġislatur ħaseb biex idaħħal qafas legali sabiex jirregola dan is-settur, u sabiex jiġi assigurat illi min ma josservax ir-regoli, jiġi punit. L-appellant naqas milli jottempera ruħhu mar-rikjesti li sarulu minn uffiċjali tal-appellata, sabiex jassigura ruħhu li huwa ma jibqax jidher bħala s-*site manager* tal-proġett in kwistjoni, u sabiex jindika min hija l-persuna jew persuni li jistgħu jitqiesu bħala 'l-klijent' fit-termini tal-liġi. L-appellant dan m'għamlux, u kien għalhekk li ġew imposti fuqu l-multi amministrattivi mill-appellata. Mhux minnu li dan huwa każ fejn l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni u/jew it-Tribunal qegħdin jagħtu applikazzjoni retroattiva lil-liġi, għaliex il-proġett għadu ma ġiex konkluż. Minkejja li l-appellant ittrasferixxa s-sit in kwistjoni fl-2020, huwa baqa' jidher irreġistrat bħala s-*site manager* fil-*Commencement Notice* maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar. Naturalment fil-mument li daħal fis-seħħ il-Kap. 623, l-appellant kellu l-obbligu li jirregola ruħu fir-rigward tal-liġi l-ġdida li ġiet

ippromulgata sabiex tirregola s-settur tal-kostruzzjoni, u jirriżulta wkoll li huwa ngħata żmien suffiċjenti sabiex jagħmel dan, u kellu diskussjoni mal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità appellata bit-*telephone,* li spjegalu x'inhuma r-rekwiżiti amministrattivi li kellhom jiġu osservati sabiex ma tiġix imposta fuqu multa amministrattiva. L-appellant deherlu li din il-liġi m'għandhiex tapplika għalih, u għalhekk naqas milli jissottometti l-informazzjoni mitluba minnu. Il-Qorti tqis li dan kien aġir totalment żbaljat, u għalhekk qiegħda tiċħad l-aggravju tal-appellant, filwaqt li sejra tikkonferma d-deċiżjoni appellate fl-intier tagħha.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern, billi tiċħdu, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell fiż-żewġ istanzi, huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**